Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.
Awla 9

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Baldacchino)

vs

Publius Despott

Illum 6 ta’ Frar, 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra ‘l fuq imsemmi imputat Publius Despott, iben Enrico u Rosina imwieled Floriana u detentur ta’ karta tal-identita Nru 417958(M) li permezz taghhom gie akkuzat talli f’Marsaskala fit-22 ta’ Settembru 1998 volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u dan billi kisser travu tal-konkrit fil-fond No. 8, Pjazza Dun Tarcis, Marsascala, liema hsara tammotna ghall-inqas minn hames mitt lira, izda izjed minn hamsin lira ghad-dannu tal-konjugi Spiteri bi ksur tal-Art. 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha illi gew prodotti, inkluz l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi fi Frar tan-1999 certu Angelo Spiteri kien irrapporta lill-Ispettur Angelo Baldacchino illi kellu kwistjoni mal-imputat fuq imsemmi. Din il-kwistjoni kienet tirrigwarda il-fond Nru 8 Dun Tarcis Wied il-Ghajn.  Is-Sur Angelo Spiteri kien irraporta lill-pulizija illi huwa ried jaghmel xi xoghol ta' kostruzzjoni f'dan il-fond, kellu l-permessi kollha necessarji minghand l-Planning Authority ghal dan ix-xoghol u kien qabbad lill-haddiema li kienu ghamlu travu tal-conrete fil-fond imsemmi u skond is-Sur Spiteri l-imputat fuq imsemmi kien mar fil-fond u kien kisser dan it-travu u dana peress li ma riedx illi Spiteri jibni hemm hekk.  L-Ispettur Baldacchino

xehed illi huwa kien ra stqarrija illi kien ghamel l-imputat fuq imsemmi quddiem l-ex-Spettur Cini fid-9 ta' Novembru 1998 u minn din l-istqarrija irrizulta illi l-imputat fuq imsemmi kien cahad l-incident kollu. Pero' minkejja li s-Sur Spiteri kien gie infurmat b'dan huwa insista illi kien l-imputat fuq imsemmi li kien responsabbli ta' dak li kien gara u dana peress illi skond hu diga kien kellu xi kwistjonijiet ohrajn dwar hekk ma l-imputat fuq imsemmi. Illi l-imputat fuq imsemmi irrilaxxja ukoll staqqija lill-Ispettur Baldacchino fil-21 ta' Frar, 1999 fejn rega innega l-involviment tieghu fl-allegat reat. L-Ispettur Baldacchino xehed illi huwa fil-fond imsemmi qatt ma kien acceda.

Illi il-Qorti rat l-istqarrija illi irrilaxxja l-imputat fuq imsemmi fid-9 ta' Novembru, 1998 quddiem l-ex Spettur Hubert Cini. F'din l-istqarrija l-imputat fuq imsemmi cahad l-involviment tieghu f'dan ir-reat. Pero' ammetta illi huwa kien kellem lil Angelo Spiteri permezz tat-telefon u kien qallu illi fejn kien ser isir ix-xoghol ma kienx proprjeta tieghu, jigifieri tas-Sur Spiteri.

Illi l-Qorti rat ukoll l-istqarrija illi irrilaxxja l-imputat fuq imsemmi lill-Ispettur Angelo Baldacchino fil-21 ta' Frar, 1999 fejn qal illi fil-fond in kwistjoni huwa ghandu tieqa ta' 'toilet' u l-permessi kollha necessarji. Huwa stqarr illi kellu

ukoll katusa tal-ilma tal-bjut tad-djar ta' ma gembu u hemm hekk kien hemm zewg ear electrodes illi ma kienux tieghu. Huwa qal fl-istqarrija tieghu illi jekk Spiteri itella dan ic-cint dawn jigu kollha fil-bitha tieghu li bhalma qal fl-istqarrija tieghu huwa l-aktar li taffettwah hija t-tieqa u ihoss illi t-tieqa ta' toilet hija kontra l-Ligi jekk tigi f'bitha ta' haddiehor. F'din l-istqarrija l-imputat cahad illi f'Settembru tan-1998 il-bennej tas-Sur Spiteri kien ghamel travu tal-conrete sabiex itella dan ic-cint u illi hu, jigifieri l-imputat, kien mar jaqalghu. L-imputat cahad kategorikament illi kien ghamel hekk. L-imputat kompla jghid f'din l-istqarrija illi huwa kien sar jaf illi s-Sur Spiteri kien iddecieda illi jtella cint meta twahhal il-permess u kienu diga ghaddew hmistax il-gurnata zmien ghall-oggezzjoni. L-imputat qal illi din il-karta tal-applikazzjoni kienet twahhlet fuq il-bieb ta' barra tas-Sur Spiteri u ghalhekk huwa, jigifieri l-imputat, ma kienx jaf biha. Sussegwentement twahhlet karta ohra fejn intqal illi kien ser isir ix-xoghol u dik il-karta twahhlet mal-hajt tal-bitha tieghu jigifieri tas-Sur Spiteri u l-hajt ta' din il-bitha jigi ma gemb il-bieb tieghu, jigifieri tal-imputat u ghalhekk huwa seta jara din il-karta u kien dakinhar illi sar jaf illi kien ser isir dan ix-xoghol. Meta ra hekk l-imputat kien qabbad lill-Perit tieghu jikteb ittra lill-Awtorita tal-Ippjanar illi pero' irrispondew illi din kienet kwistjoni ta' natura civili u huma ma kienux ser jidhlu fiha. L-imputat kompla jghid fl-

istqarrija tieghu illi huwa sar jaf dwar il-conrete fl-istess gurnata meta twahhal il-permess mal-hajt tal-bitha kif diga imsemmi. Huwa qal ukoll illi meta ra hekk huwa ikkuntattja lis-Sur Spiteri u qal ukoll illi kien tkellem diversi drabi mas-Sur Spiteri fuq din il-materja. L-imputat ammetta ukoll illi huwa kien issuggerixxa lis-Sur Spiteri illi ma jaghmilx ix-xoghol. Pero' cahad illi kien qal lis-Sur Spiteri illi jekk jibni xi haga huwa kien ser iwaqqahielu. L-imputat kompla jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa kien joggezzjona ghac-cint u dana peress illi hemm hekk huwa ghandu tieqa.

Illi xehed Angelo Spiteri u qal illi huwa ghandu fond f'Wied il-Ghajn fi Pjazza Dun Tarciz numru 8. Huwa xehed illi kien ghamel applikazzjoni lill-Planning Authority biex ikun jista jaghmel xi xogholijiet u precizament bieb ta' wara illi jigi fuq wara ta' dan il-fond. Is-Sur Spiteri kompla jixhed illi wara li kien ottjena l-permess mill-Planning Authority kien qabbad bennej, ftiehem il-prezz mieghu u fit-22 ta' Settembru, 1998 kien gieh il-bennej sabiex jibdielu x-xoghol fis-7.00a.m. Il-bennej lahaq ghamel travu tal-konkos illi kellu iservi ta' pedament. Is-Sur Spiteri xehed illi telaq mill-fond fil-kwarta u x-xoghol kien diga sar. Huwa kompla jixhed illi meta mar id-dar fis-7.00p.m. irceva telefonata u mar jirrispondi. It-telefonata kienet saret mill-imputat fuq imsemmi u skond is-Sur Spiteri l-imputat qallu "jiena ta' warajk." Qallu ukoll

“hemm hekk x’ser taghmel?” Is-Sur Spiteri xehed illi huwa qal lill-imputat illi hemm hekk huwa kellu l-permessi kollha u qallu ukoll illi kien ser jaghmel hajt u bieb ta’ wara. Skond is-Sur Spiteri l-imputat qallu “nghidlek jien min jien, jiena Pawlu Despott biex ma twahhal f’hadd u dak ix-xoghol ma irridekx taghmlu ghaliex kull zewg gebliet li taghmel naqlibhomlok.” Is-Sur Spiteri xehed illi qabel dakinhar huwa qatt ma kien tkellem mal-imputat dwar din il-kwistjoni u l-ghada huwa mar jaghmel rapport l-ghassa. Is-Sur Spiteri kompla jixhed illi l-pulizija ma riedux jaghtuh skorta u ghalhekk mar ma martu fuq il-post. Kif dahlu fil-post raw it-travu illi kien jidher qisu ghadu kif ghadda xi mohriet minn fuqu, ftit gebel ‘l hemm u ftit gebel ‘l hawn. Huwa mar javza lill-Perit u lill-bennej u fit-23 ta’ Settembru, 1998 mar jaghmel rapport ufficjali l-ghassa. Skond is-Sur Spiteri xi erba’ tijiem wara, fuq suggeriment tieghu, jigifieri tas-Sur Spiteri, l-imputat fuq imsemmi kien cempillu. Irrispondietu martu li ghaddietlu t-telefon u s-Sur Spiteri staqsa lill-imputat kif kienu ser jiftehmu sabiex jevitaw illi imorru l-Qorti. Dejjem skond is-Sur Spiteri l-imputat qallu fuq it-telefon “jiena diga ghidtlek li hemm hekk ma irridek taghmel xejn u bhalma ghidtlek l-ahhar darba kull zewg gebliet li taghmel naqlibhomlok.” Kien ghalhekk illi s-Sur Spiteri istitwixxa proceduri civili kontra l-imputat. Is-Sur Spiteri kompla jixhed illi l-imputat fuq imsemmi kien rega cempillu

fit-23 ta' Ottubru, 1999 u qallu "mela inti ghandek tkompli?" Skond is-Sur Spiteri l-imputat beda jinsulentah u jghajjru u kif ukoll beda jkellmu oxxen u dana ghal xi tlett kwarti. Fl-ahhar huwa qallu "jiena b'xi mod jew iehor ma inhallikx taghmlu dak ix-xoghol" u qallu ukoll illi kien qieghed isegwih.

Illi giet esebita stima ta' xoghol illi jenhtieg sabiex it-travu jitkisser u jerga jigi kostruwit mill-gdid, liema stima inharget mill-Perit Muscat Azzopardi fuq inkarigu tas-Sur Spiteri u skond din l-istima l-ispejjez jammontaw ghal LM137.50 (mija u sebgha u tletin lira u hamsin centezmu).

Illi l-Perit Muscat Azzopardi xehed f'dawn il-proceduri, ikkonferma l-istima tax-xoghol illi hareg hu u xehed illi huwa l-hsara raha u qal illi qabel ma t-travu kien lahaq ghaqad, qabel ma nixef il-konkos, xi hadd kien tah biz-zappun u zmantellah.

Illi xehdet mart is-Sur Spiteri, Maria Rosaria Spiteri, illi qalet illi hija qatt ma kienet iltaqghet mal-imputat fuq imsemmi hlief meta ratu fil-Qorti. Xehdet illi kienet prezenti meta zewgha irceva telefonata tal-imputat u gieli wkoll irrispondietu hi, pero' hija ma kienitx taf min kien. Kien biss

jghidilha "jiena Despott li noqghod warajkom Wied il-Ghajn", pero' hija ma kienitx taf min kien.

Illi xehed l-imputat fuq imsemmi u qal illi fil-perjodu in kwistjoni meta inqala l-incident huwa kien nizel Wied il-Ghajn fis-sajf u kien ra permess mal-hajt imwahhal mar-residenza ta' Angelo Spiteri. Dan il-permess kien jghid illi Spiteri kellu permess biex ittella l-hajt tal-bitha ta' wara tieghu u illi n-naha ta' wara tar-residenza tas-Sur Spiteri tigi quddiem ir-residenza tal-imputat fuq imsemmi. L-imputat kompla jixhed illi huwa ra li kien hemm xi xoghol ukoll u ghalhekk cempel lis-Sur Spiteri biex jistaqsih x'kien ser jaghmel. Skond l-imputat is-Sur Spiteri qallu "jiena ser naghmel xi xoghol hemm hekk." Huwa qallu "trid taghlaq it-tieqa, ghandi l-permess u irrid naghmel ix-xogholijiet." L-imputat fuq imsemmi kompla jixhed illi huwa qal lis-Sur Spiteri illi dik it-tieqa kienet ilha hemm hekk bil-permess xi ghaxar snin jew aktar. Pero' s-Sur Spiteri dejjem skond l-imputat baqa jghidlu "jiena ghandi il-permess u dik it-tieqa trid taghlaqha." Skond l-imputat wara xi tlett tijiem rega cempillu s-Sur Spiteri u talbu sabiex jiltaqghu. L-imputat qallu "ma ghandix ghalfejn niltaqa mieghek ghaliex jiena l-permess tat-tieqa qieghed ghandi b'mod regolari." Sussegwentement is-Sur Spiteri kien baghatlu ittra illi fil-fatt l-imputat esebiha u tinsab immarkata Dokument PD1. L-

imputat kompla jixhed illi sussegwentement qabbad lill-Perit tieghu, illi wara li ghamel il-verifiki, kien qal lill-imputat illi meta s-Sur Spiteri kien applika ghall-permess tieghu ma kien ghamel l-ebda riferenza ghat-tieqa tal-imputat. L-imputat effettivament esebixxa d-dokument mibghut mill-Perit tieghu illi gie immarkat Dokument PD2. L-imputat kompla jixhed illi meta huwa qal lis-Sur Spiteri li ma riedx jiltaqa mieghu is-Sur Spiteri mar jirraporta ghand l-Ispettur Baldacchino illi kien baghat ghalih, jigifieri ghall-imputat u kien staqsih ghalfejn kien ghamel il-hsara lis-Sur Spiteri. L-imputat kompla jixhed illi huwa kien wiegeb lill-Ispettur illi huwa ma kien ghamel l-ebda hsara. L-imputat cahad illi mar fil-post kif qal is-Sur Spiteri u ghamel xi tkissir. Huwa xehed illi huwa ma mess xejn. L-imputat kompla jixhed in kontro-ezami illi meta mar fuq il-post huwa kull ma ra kienet l-art imkissra u l-permess mal-hajt. Huwa ma ra l-ebda travu mal-art u lanqas ma ra xi travu imkisser. L-imputat cahad illi kien qal lis-Sur Spiteri fuq it-telefon illi kull haga li kien ser jaghmel huwa kien ser ikissirhielu.

Illi xehed Carmelo Mercieca u qal illi huwa ghandu post Wied il-Ghajn li qieghed f'San Gwakkin Alley, numru 15. Huwa qal illi huwa tiela' u niezel hemm hekk b'mod regolari u ghandu xi annimali f'dan l-isqaq u imur jghalifihom. Ghandu ukoll dghajsa u jinzel kulljum Wied il-Ghajn.

Hinijiet ma ghandux. Is-Sur Mercieca xehed illi huwa jaf lill-imputat fuq imsemmi u meta ikun hemm hekk ikellmu u l-imputat kien qallu dwar dan il-kaz. Is-Sur Mercieca kompla jixhed illi dwar xi cint fil-post in kwistjoni huwa ma jaf xejn u qatt ma ra l-ebda cint. Huwa lanqas qatt ma ra xi travu, jew xi art imkissra. Ix-xhud kompla jghid in kontro-ezami li jaqbel li kien qieghed jixhed dwar dahla. Huwa qal illi din id-dahla jafha sew ghaliex huwa proprju kien twieled vicin ta' hemm, bieb ma bieb. Huwa kompla jixhed illi hemm dahla, titla sqaq, umbaghad hemm dahla zghira illi ilha hemm hekk madwar sitta u hamsin (56) sena. Ix-xhud kompla jghid illi jaf illi l-imputat fuq imsemmi kellu mutur "outboard" u huwa kien joqhgod jilghab bih hemm hekk. Ix-xhud kompla jghid ukoll illi l-imputat kien ipoggi tank bl-ilma u jistartja l-mutur sabiex illahlah l-istess mutur. Huwa rega tenn illi hajt u cint hemm hekk huwa qatt ma ra. Ix-xhud kompla jghid illi minn dawn l-akkwati jista jghaddi kullhadd u fil-fatt huwa jara illi aktar nies jghaddu apparti hu u l-imputat fuq imsemmi minn dawk l-akkwati. Anke tfal ghal Muzew jghaddu minn hemm. Id-dahla mhijiex maghluqa u jista juzaha min irid. Tista tigi parti mill-isqaq.

Ikkunsidrat :

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta car illi jezistu zewg verzjonijiet konfliggenti tal-fatti kif graw. L-imputat fuq imsemmi mill-ewwel cahad illi huwa ghamel xi hsarat fil-fond tas-Sur Spiteri u dejjem baqa' konsistenti fil-verzjoni tieghu. Sa mill-ewwel stqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija u cioe' fid-9 ta' Novembru, 1998 l-imputat fuq imsemmi cahad illi ikkaguna xi hsarat fil-proprjeta ta' Angelo Spiteri, pero' mill-ewwel ammetta li kien cempillu permezz tat-telefon. L-imputat xehed illi huwa qatt ghajjru, qatt ma heddu. Huwa qatt ma ammetta mieghu illi kien kissirlu t-travu, pero' l-imputat xehed illi huwa kien qallu biss lis-Sur Spiteri illi fejn kien ser isir ix-xoghol il-proprjeta ma kienitx tieghu, jigifieri tas-Sur Spiteri.

Illi anke fit-tieni stqarrija illi irrilaxxja lill-pulizija u cioe' fil-21 ta' Frar, 1999 l-imputat fuq imsemmi rega cahad illi huwa kien qal lis-Sur Spiteri permezz tat-telefon li kien hu li kien kissirlu t-travu. F'din l-istqarrija l-imputat qal illi huwa kien kellem lis-Sur Spiteri diversi drabi ohrajn dwar din il-kwistjoni u s-Sur Spiteri kien anke baghatlu ittra fejn talbu biex jiltaqghu fil-post tieghu. Pero' minflok iltaqa mieghu l-imputat kien cempel lis-Sur Spiteri. Illi effettivament l-imputat esebixxa din l-ittra illi kien baghatlu is-Sur Spiteri u s-Sur Spiteri qatt ma cahad li kien hu li kien kiteb din l-ittra u baghatha lill-imputat. Illi l-ittra li esebixxa l-imputat

miktuba minn Angelo Spiteri hija datata 25 ta' Settembru, 1998 u tinsab a fol. 80 tal-process.

Illi Angelo Spiteri meta xehed f'dawn il-proceduri insista illi l-imputat fuq imsemmi kien heddu permezz tat-telefon fit-22 ta' Settembru, 1998 biex ma iwahhal f'hadd u illi dak ix-xoghol ma kienx riedu jaghmlu ghaliex kull zewg gebliet illi jaghmel l-imputat kien bi hsiebu jaqlahomlu. Angelo Spiteri kompla jixhed illi qabel dakinhar huwa qatt ma kien tkellem mal-imputat fuq din il-bicca xoghol. Skond is-Sur Spiteri l-ghada mar flimkien ma martu fir-residenza tieghu f'Wied il-Ghajn u ra t-travu illi kien ghamel imkisser u ghalhekk mar jaghmel rapport ufficjali l-ghassa tal-pulizija. Is-Sur Spiteri kompla jixhed illi fil-25 ta' Settembru, 1998 baghat nota zghira fir-residenza tal-imputat sabiex jiltaqghu biex forsi jirrangaw. Illi effettivament din in-nota zghira li s-Sur Spiteri qieghed jammetti li baghat lill-imputat fuq imsemmi ma tirrispekja xejn sitwazzjoni fejn allegatament l-imputat fuq imsemmi kien ghadu kif farrak it-travu tar-residenza tas-Sur Spiteri. Illi fin-nota tieghu Angelo Spiteri jghid lill-imputat li qieghed jiktiblu dwar il-hajt tal-bitha li qieghed jibni ma gembu Wied il-Ghajn u stiednu sabiex jiltaqghu u jiddiskutu d-diffikultajiet ghas-sodisfazzjon tat-tnejn. Huwa tah il-granet meta ikun fil-post, tah anke il-hinijiet u qallu li jew jiltaqa mieghu fil-post jew inkella x'imkien iehor fejn

joghgob lilu, jigifieri lill-imputat.  Finalment talbu icempillu u jghidlu hu.

Illi mhu vera simili xejn illi xi hadd ghadu kif farraklek abbuzivament u illegalment it-travu tar-residenza tieghek u tiktiblu ittra, meta skond inti dan huwa bniedem perikoluz ferm, u taghtih il-granet meta ser tkun fil-post "is-Sibt wara nofsinhar u l-Hadd mill-ghaxra ta' filghodu 'il quddiem", toqghod hemm hekk tistennih wahdek meta dan huwa bniedem vjolenti u tghidlu li jew tiltaqa mieghu hemm hekk fil-post tieghek jew x'imkien iehor fejn joghgbu hu, titolbu icempillek u jghidlek hu.

Illi s-Sur Spiteri kompla jixhed illi l-imputat fuq imsemmi kien rega cempillu fit-23 ta' Ottubru 1998.  Din id-darba cempillu f'xi l-ghaxra ta' filghodu, kellmu dwar il-hajt li kien qieghed jibni, beda jinsulentah, dejjem skond is-Sur Spiteri u jghajjru bhal bahrin, jigifieri kliem oxxen u dagha fahxi u skond is-Sur Spiteri l-imputat dam ikellmu b'dan il-mod madwar tlett kwarti.  Fl-ahhar qallu "jiena b'xi mod jew iehor ma inhallikx taghmlu dak il-hajt," kwazi, kwazi qieghed jheddu hawn hekk u qallu ukoll dejjem skond is-Sur Spiteri illi hu kien qieghed isegwih.

Illi ghalhekk skond Angelo Spiteri din it-tieni telefonata illi damet tlett kwarti shah mimlija dagha, kliem oxxen u tghajjir u anke theddid l-imputat ghamilha fit-23 ta' Settembru, 1998.

Illi fid-dawl ta' dan kollu wiehed certament ma jistax jifhem in-nota li kiteb Angelo Spiteri lill-imputat fil-25 ta' Settembru, 1998 fejn kitiblu b'mod gentili ferm li bl-ebda mod ma jirrispekja sitwazzjoni ta' vjolenza, theddid, tghajjir u dagha. Kif diga osservat il-Qorti, f'din l-ittra Angelo Spiteri stieden lill-imputat sabiex jiltaqa mieghu u jitkellmu, tah il-granet fejn ser ikun wahdu id-dar ta' Wied il-Ghajn u qallu jew niltaqghu hemm hekk jew inkella xi imkien iehor fejn jogghbok, inti nitolbok iccempilli.

Illi f'din is-sitwazzjoni il-Qorti certament tqis illi Angelo Spiteri m'huwiex xhud kredibbli u ghaldaqstant u anke peress illi jezisti konflitt car ta' provi, l-Qorti issib lill-imputat fuq imsemmi **mhux hati** tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, illi bl-ebda mod ma gew ippruvati, u ghaldaqstant il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni htija u piena.

(ft) Rita Saliba
Deputat Registratur